**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B ►C1 **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 683/2011**

**tal-20 ta' Ġunju 2011**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 57/2011 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut** ◄

(ĠU L 187, 16.7.2011, p. 1)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 303, 20.11.2015, p. 108 (683/2011)

▼B

▼C1

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 683/2011**

**tal-20 ta' Ġunju 2011**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 57/2011 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut**

▼B

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 ([1]) jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE.

(2) Il-konsultazzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Unjoni u l-Gżejjer Faeroe ma rnexxielhomx jirriżultaw fi qbil għall-2011. Wara serje oħra ta' konsultazzjonijiet man-Norveġja f'Marzu 2011, l-opportunitajiet tas-sajd irriservati għall-konsultazzjonijiet mal-Gżejjer Faeroe issa jistgħu jiġu allokati lill-Istati Membri. Għaldaqstant, l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 57/2011 u t-TACs rilevanti fl-Annessi IA u IB għalih għandhom jiġu emendati sabiex titqassam il-kwota mhux allokata u tiġi riflessal-allokazzjoni tradizzjonali tal-kavalli fl-Atlantiku tal-Grigal.

(3) Huwa mixtieq li jiġu implimentati arranġamenti flessibbli dwar l-użu tal-kwoti tal-istokkafixx fiż-żewġ żoni ta' ġestjoni prinċipali mogħtija fl-Anness IA għar-Regolament (UE) Nru 57/2011 għal dak is-sajd (jiġifieri ż-żona magħmula minn ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali taż-żoni tal-ICES I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV u ż-żona magħmula miż-żoni tal-ICES VIIIc, IX u X u l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1), peress li dawk iż-żewġ żoni huma suġġetti għall-istess parir xjentifiku u jitqiesu bħala parti mill-istess stokk bijoloġiku.

(4) L-Anness IA għar-Regolament (UE) Nru 57/2011 jistabbilixxi l-kwoti ġenerali għall-ksampu fiż-żona tal-ICES VII u l-kwoti speċifiċi għall-ksampu fiż-żona tal-Porcupine Bank li tinsab f'dik iż-żona. Huwa meħtieġ li dawk il-kwoti speċifiċi jiġu stabbiliti mill-ġdid għas-sena 2011 abbażi ta' data aġġornata dwar qabdiet storiċi.

([1]) ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.

▼B

(5) B'segwitu għall-konsultazzjonijiet konklużi fis-17 ta' Marzu 2011 bejn l-istati kostali (il-Gżejjer Faeroe, il-Groenlandja u l-Islanda) u partijiet oħrajn (l-Unjoni u n-Norveġja) tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) dwar il-ġestjoni tar-redfish fil-Baħar ta' Irminger u l-ilmijiet qrib tagħhom, hu meħtieġ li jisgħu stabbiliti TACs għar-redfish f'dawk iż-żone filwaqt li jiġu rrispettati r-restrizzjonijiet ta' żmien u żoni; l-Anness IB għar-Regolament (UE) Nru 57/2011 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Matul il-laqgħa Annwali tagħha tal-2010, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali ddeċidiet li żżomm il-limiti imposti għal dik is-sena fuq il-qabdiet tal-pixxispad u fuq l-għadd ta' bastimenti awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad, b'effett mill-1 ta' Jannar 2011. Huwa meħtieġ li dawn il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(7) Matul it-Tielet Laqgħa Internazzjonali, li saret f'Mejju 2007, għall-ħolqien ta' Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO) fl-ibħra miftuħa tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO), il-parteċipanti aċċettaw miżuri interim, inklużi opportunitajiet tas-sajd, sabiex jiġu rregolati l-attivitajiet tas-sajd pelaġiku kif ukoll tas-sajd tal-qiegħ f'dik iż-żona sakemm tiġi stabbilita tali RFMO. Matul it-tieni Konferenza Preparatorja għall-Kummissjoni tas-SPRFMO, li saret f'Jannar 2011, ġew aċċettati miżuri interim ġodda. Dawk il-miżuri interim huma volontarji u mhux legalment vinkolanti skont il-liġi internazzjonali. Madankollu huwa xieraq, konformement mal-obbligi ta' kooperazzjoni u konservazzjoni li jinsabu fil-Liġi Internazzjonali tal-Baħar, li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment ta' kwota ġenerali għall-Unjoni. Għall-fini tal-allokazzjoni tal-kwota tal-Unjoni fost l-Istati Membri, huwa opportun li tiġi stabbilita sistema ta' allokazzjoni finali u ġdida abbażi ta' kriterji sodi, ġusti u oġġettivi tar-rendiment tas-sajd fil-passat tal-Istati Membri fl-2009 u l-2010 li huwa perijodu suffiċjentement rappreżentattivi u riċenti li matulu l-Istati Membri kollha kkonċernati kienu preżenti fil-postijiet tas-sajd.

(8) L-Anness IIB għar-Regolament (UE) Nru 57/2011 jistabbilixxi l-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd għall-irkupru ta' ċerti stokkijiet tal-marlozz tan-Nofsinhar u tal-ksampu fid-diviżjonijiet tal-ICES VIIIc u IXa, minbarra l-Golf ta' Cadiz. Huwa xieraq li tiġi ċċarata l-formulazzjoni tal-kondizzjoni speċjali li tinsab fil-qasam ta' dawk il-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd u l-konsegwenzi li jiġi rċevut għadd illimitat ta' jiem għall-ħatt fil-perijodu ta' ġestjoni tal-2011.

(9) L-Anness IIC għar-Regolament (UE) Nru 57/2011 jistabbilixxi l-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent ([1]). Huwa meħtieġ li l-formulazzjoni ta' dak l-Anness IIC tkun allinjata mal-formulazzjoni tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2007.

---

([1]) ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7.

▼B

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 57/2011 japplika, b'mod ġenerali mill-1 ta' Jannar 2011. Madankollu, il-limiti tal-isforzi tas-sajd huma stabbiliti għal perijodu ta' sena li jibda mill-1 ta' Frar 2011. Sabiex tiġi segwita s-sistema ta' kull sena ta' rappurtar dwar l-opportunitajiet tas-sajd, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-limiti tal-qbid u l-allokazzjonijiet għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011 u d-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-isforzi tas-sajd għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2011, ħlief fejn huwa indikat mod ieħor. Tali applikazzjoni retroattiva hija bla ħsara għall-prinċipju taċ-ċertezza legali peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 57/2011**

Ir-Regolament (UE) Nru 57/2011 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jiffissal-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin:

(a) għas-sena 2011, il-limiti ta' qbid għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut;

(b) għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2011 sal-31 ta' Jannar 2012, ċerti limiti tal-isforz;

(c) għall-perijodi stipulati fl-Artikoli 20, 21 u 22 u fl-Annessi IE u V, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku (CCALMR);

(d) għall-perijodi stipulati fl-Artikolu 28, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC); u

(e) opportunitajiet tas-sajd addizzjonali għall-kavalli li jirriżultaw minn kwota mhux maqbuda fl-2010.";

2. L-Anness IA huwa emendat kif ġej:

(a) l-annotazzjoni għaċ-ċiċċirell u l-qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-UE ta' IIa, IIIa u IV hija sostitwita b'dan li ġej:

▼B

| **"Speċi:** | Ċiċċirell u qabdiet inċidentali assoċjati *Ammodytes* spp. | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIa u IV ([1]) (SAN/2A3A4.) |
|---|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| Danimarka | 334 324 | |
| Renju Unit | 7 308 | |
| Ġermanja | 511 | |
| Svezja | 12 277 | |
| UE | 354 420 ([2]) | |
| Norveġja | 20 000 | |
| TAC | 374 420 | TAC Analitiċi |

([1]) Esklużi l-ilmijiet sa sitt mili mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.
([2]) Ta' mill-inqas 98 % tal-ħatt l-art mgħoddi kontra t-TAC irid ikun taċ-ċiċċirell. Il-qabdiet inċidentali ta' dab, kavalli u merlangu għandhom jitqiesu mat-2 % li jibqa' tat-TAC

**Kondizzjonijiet speċjali:**

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, mhux aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt jistgħu jittieħdu miż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell li ġejjin, kif definit fl-Anness IID:

| **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| | (SAN/*234_1) | (SAN/*234_2) | (SAN/*234_3) | (SAN/*234_4) | (SAN/*234_5) | (SAN/*234_6) | (SAN/*234_7) |
| Danimarka | 282 989 | 32 072 | 9 434 | 9 434 | 0 | 395 | 0 |
| Renju Unit | 6 186 | 701 | 206 | 206 | 0 | 9 | 0 |
| Ġermanja | 433 | 49 | 14 | 14 | 0 | 1 | 0 |
| Svezja | 10 392 | 1 178 | 346 | 346 | 0 | 15 | 0 |
| UE | 300 000 | 34 000 | 10 000 | 10 000 | 0 | 420 | 0 |
| Norveġja | 20 000 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Total | 320 000 | 34 000 | 10 000 | 10 000 | 0 | 420 | 0"; |

(b) l-annotazzjoni għall-aringi fiż-żona IIIa hija sostitwita b'dan li ġej:

| **"Speċi:** | Aringi ([1]) *Clupea harengus* | **Żona:** | Iż-żona IIIa (HER/03 A.) |
|---|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| Danimarka | 12 608 ([2]) | |
| Ġermanja | 202 ([2]) | |
| Svezja | 13 189 ([2]) | |
| UE | 25 999 ([2]) | |
| TAC | 30 000 | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

([1]) Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar.
([2]) Sa 50 % ta' dan l-ammont jista' jinqabad fl-ilmijiet tal-UE taż-żona IV."

▼B

(c) l-annotazzjoni għall-aringi fl-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Aringi *Clupea harengus* | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN ([1]) (HER/5B6ANB) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 2 513 | |
| Franza | 475 | |
| Irlanda | 3 396 | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 2 513 | |
| Renju Unit | 13 584 | |
| UE | 22 481 | |
| TAC | 22 481 | TAC Analitiċi |

([1]) Ir-referenza hija għall-istokk ta' aringi fiż-żona VIa, fit-Tramuntana ta' 56° 00' N u f'dik il-parti taż-żona VIa li tinsab fil-Lvant ta' 07° 00' W u fit-Tramuntana ta' 55° 00' N, eskluż il-Clyde.";

(d) l-annotazzjoni dwar l-istokkafixx fl-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Stokkafixx *Micromesistius poutassou* | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV (WHB/1X14) |
|---|---|---|
| Danimarka | 1 533 ([1]) | |
| Ġermanja | 596 ([1]) | |
| Spanja | 1 300 ([1]) ([2]) | |
| Franza | 1 067 ([1]) | |
| Irlanda | 1 187 ([1]) | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 1 869 ([1]) | |
| Portugall | 121 ([1]) ([2]) | |
| Svezja | 379 ([1]) | |
| Renju Unit | 1 990 ([1]) | |
| UE | 10 042 ([1]) | |
| TAC | 40 100 | TAC Analitiċi |

([1]) Li minnhom sa 68 % jistgħu jinqabdu fiż-Żona Ekonomika Norveġiża jew fiż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen (WHB/*NZJM1).
([2]) Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota għaż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1. Tali trasferimenti għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni minn qabel.";

▼B

(e) l-annotazzjoni għal-linarda fl-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni Vb, VI u VII hija sostitwita b'dan li ġej:

| “**Speċi:** Linarda *Molva dypterygia* | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni Vb, VI, VII, (BLI/5B67-) (3) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 20 | |
| Estonja | 3 | |
| Spanja | 62 | |
| Franza | 1 422 | |
| Irlanda | 5 | |
| Litwanja | 1 | |
| Polonja | 1 | |
| Renju Unit | 362 | |
| Oħrajn | 5 (1) | |
| UE | 1 717 | |
| Norveġja | 150 (2) | |
| TAC | 2 032 | TAC Analitiċi<br>Japplika l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. |

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. L-ebda sajd dirett mhu permess taħt din il-kwota.
(2) Għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IV, Vb, VI u VII.
(3) Japplikaw regoli speċjali skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1288/2009 (*) u l-punt 7 tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 43/2009 (**).

(*) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi miżuri tekniċi transitorji mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011 (ĠU L 347, 24.12.2009, p. 6).

(**) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid (ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1).”;

▼B

(f) l-annotazzjoni għal-lipp fl-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** | Lipp *Molva molva* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV (LIN/6X14.) |
|---|---|---|---|
| Belġju | 30 | | |
| Danimarka | 5 | | |
| Ġermanja | 109 | | |
| Spanja | 2 211 | | |
| Franza | 2 357 | | |
| Irlanda | 591 | | |
| Portugall | 5 | | |
| Renju Unit | 2 716 | | |
| UE | 8 024 | | |
| Norveġja | 6 140 (1) (2) | | |
| TAC | 14 164 | | TAC Analitiċi<br>Japplika l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. |

(1) Li minnhom huwa awtorizzat qbid inċidentali ta' speċijiet oħrajn ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe mument, fiż-żoni Vb, VI u VII. Madankollu, din il-perċentwali tista' tinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara l-bidu tas-sajd għal xi raġuni speċifika. Il-qbid inċidentali totali ta' speċijiet oħra fiż-żoni VI u VII m'għandux jeċċedi t-3 000 tunnellata.
(2) Inkluż it-tusk. Il-kwoti għan-Norveġja huma ta' 6 140 tunnellata lipp u 2 923 tunnellata tusk, u jistgħu jitpartu sa 2 000 tunnellata u jistgħu jinqabdu biss bil-konzijiet fiż-żoni Vb, VI u VII.";

(g) l-annotazzjoni dwar il-ksampu fiż-żona VII hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** | Ksampu *Nephrops norvegicus* | **Żona:** | VII (NEP/07.) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 1 306 (1) | | |
| Franza | 5 291 (1) | | |
| Irlanda | 8 025 (1) | | |
| Renju Unit | 7 137 (1) | | |
| UE | 21 759 (1) | | |
| TAC | 21 759 (1) | | TAC Analitiċi |

(1) Li minnhom ma jistgħux jittieħdu aktar mill-kwoti li ġejjin fiż-żona VII (Porcupine Bank – Unità 16) (NEP/*07U16):

| | |
|---|---|
| Spanja | 377 |
| Franza | 241 |
| Irlanda | 454 |
| Renju Unit | 188 |
| UE | 1 260"; |

▼B

(h) l-annotazzjoni dwar il-kavalli fiż-żoni IIIa u IV; fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIb, IIIc, u s-Subdiviżjonijiet 22-32 hija sostitwita b'dan li ġej:

| **"Speċi:** Kavalli *Scomber scombrus* | | **Żona:** IIIa u IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIb, IIIc u IIId (MAC/2A34.) |
|---|---|---|
| Belġju | 517 (3) | |
| Danimarka | 18 084 (3) (5) | |
| Ġermanja | 539 (3) | |
| Franza | 1 629 (3) | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 1 640 (3) | |
| Svezja | 4 860 (1) (2) (3) | |
| Renju Unit | 1 518 (3) | |
| UE | 28 787 (1) (3) (5) | |
| Norveġja | 169 019 (4) | |
| TAC | Mhux rilevanti | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(1) Inklużi 242 tunnellata li għandhom jinqabdu f'ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N (MAC/*04N-).
(2) Waqt is-sajd fl-ilmijiet Norverġiżi, qabdiet inċidentali ta' merluzz, haddock, pollakkju u merlangu u pollakju (saithe) għandhom jitqiesu bħala parti mill-kwoti għal dawn l-ispeċijiet.
(3) Jistgħu jinqabdu wkoll fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IVa.
(4) Għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja (kwota ta' aċċess). Dan l-ammont jinkludi s-sehem tan-Norveġja fit-TAC tal-Baħar tat-Tramuntana tal-ammont ta' 47 197 tunnellata. Din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona IVa biss, minbarra 3 000 tunnellata li jistgħu jinqabdu fiż-żona IIIa.
(5) Tinkludi 323 tunnellata ta' kwota ttrasferita mill-opportunitajiet tas-sajd għall-2010 mhux użati.

**Kondizzjoni speċjali:**

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

| | Iż-żona IIIa (MAC/*03 A.) | Iż-żoni IIIa u IVbc (MAC/*3A4BC) | Iż-żona IVb (MAC/*04B.) | Iż-żona IVc (MAC/*04C.) | Iż-żona VI, l-ilmijiet internazzjonali taż-żona IIa, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2011 u f'Diċembru 2011 (MAC/*2A6.) |
|---|---|---|---|---|---|
| Danimarka | 0 | 4 130 | 0 | 0 | 9 764 (1) |
| Franza | 0 | 490 | 0 | 0 | 0 |
| Pajjiżi l-Baxxi | 0 | 490 | 0 | 0 | 0 |
| Svezja | 0 | 0 | 390 | 10 | 1 847 |
| Renju Unit | 0 | 490 | 0 | 0 | 0 |
| Norveġja | 3 000 | 0 | 0 | 0 | 0 |

(1) Tinkludi 183 tunnellata ta' kwota ttrasferita mill-opportunitajiet tas-sajd għall-2010 mhux użati.";

▼B

(i) L-annotazzjoni għall-kavalli fiż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

| “**Speċi:** Kavalli *Scomber scombrus* | | **Żona:** VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV (MAC/2CX14-) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 20 694 | |
| Spanja | 22 | |
| Estonja | 172 | |
| Franza | 13 797 | |
| Irlanda | 68 978 | |
| Latvja | 127 | |
| Litwanja | 127 | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 30 177 | |
| Polonja | 1 457 | |
| Renju Unit | 189 694 | |
| UE | 325 245 (3) | |
| Norveġja | 14 050 (1) (2) | |
| TAC | Mhux rilevanti | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(1) Jistgħu jinqabdu fiż-żoni IIa, VIa fit-Tramuntana ta' 56°30' N, IVa, VIId, VIIe, VIIf u VIIh.
(2) Jistgħu jinqabdu 33 804 tunnellata addizzjonali ta' kwota ta' aċċess min-Norveġja fit-Tramuntana ta' 56°30' N u meqjusa fil-limiti ta' qbid tagħha.
(3) Tinkludi 674 tunnellata ta' kwota mħollija barra mill-opportunitajiet tas-sajd għall-2010.

**Kondizzjoni speċjali:**

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt fiż-żoni li ġejjin u l-perijodu speċifikati hawn taħt.

| | L-ilmijiet tal-UE u dawk Norveġiżi taż-żona IVa (MAC/*04 A-EN) Matul il-perijodi mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Frar 2011 u mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru 2011 | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IIa (MAC/*2AN-) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 8 326 | 849 |
| Franza | 5 551 | 566 |
| Irlanda | 27 754 | 2 832 |
| Pajjiżi l-Baxxi | 12 142 | 1 238 |
| Renju Unit | 76 325 | 7 789 |
| UE | 130 098 | 13 274”; |

▼B

(j) l-annotazzjoni għall-kavalli fiż-żoni VIIIc, IXu X; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| **"Speċi:** | Kavalli *Scomber scombrus* | **Żona:** | VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1. (MAC/8C3411) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 30 609 (1) | | |
| Franza | 203 (1) | | |
| Portugall | 6 327 (1) | | |
| UE | 37 139 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC Analitiċi L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(1) Il-kwantitajiet soġġetti għal skambji ma' Stati Membri oħra jistgħu jinqabdu fiż-żoni VIIIa, VIIIb u VIIId (MAC/*8ABD.). Madankollu, il-kwantitajiet ipprovduti minn Spanja, il-Portugall jew Franza għall-finijiet ta' skambji u li għandhom jinqabdu fiż-żoni VIIIa, VIIIb u VIIId m'għandhomx jaqbżu l-25 % tal-kwoti tal-Istat Membru donatur.

**Kondizzjoni speċjali:**

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żona li ġejja.

| | VIIIb (MAC/*08B.) |
|---|---|
| Spanja | 2 570 |
| Franza | 17 |
| Portugall | 531". |

(k) l-annotazzjoni għall-kavalli fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni IIa u IVa hija sostitwita b'dan li ġej:

| **"Speċi:** | Kavalli *Scomber scombrus* | **Żona:** | Ilmijiet Norveġiżi taż-żoni IIa u IVa (MAC/2A4 A-N.) |
|---|---|---|---|
| Danimarka | 13 018 (1) (2) | | |
| UE | 13 018 (1) (2) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC Analitiċi L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(1) Il-qabdiet maqbudin fiż-żona IVa (MAC/*4 A.) u fiż-żona IIa (MAC/*02 A.) għandhom jiġu rrappurtati separatament.
(2) Tinkludi 272 tunnellata ta' kwota ttrasferita mill-opportunitajiet tas-sajd għall-2010 mhux użati.";

▼B

(l) l-annotazzjoni għal-laċċa kaħla u l-qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** | Laċċa kaħla u qabdiet inċidentali assoċjati *Sprattus sprattus* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV (SPR/2AC4-C) |
|---|---|---|---|
| Belġju | 1 835 | | |
| Danimarka | 145 273 | | |
| Ġermanja | 1 835 | | |
| Franza | 1 835 | | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 1 835 | | |
| Svezja | 1 330 ([1]) | | |
| Renju Unit | 6 057 | | |
| UE | 160 000 ([4]) | | |
| Norveġja | 10 000 ([2]) | | |
| TAC | 170 000 ([3]) | | TAC Prekawzjonali |

([1]) Inkluż iċ-ċiċċirell.
([2]) Jista' jinqabad biss fl-ilmijiet tal-UE taż-żona IV.
([3]) TAC Preliminari. It-TAC finali ser jiġi stabbilit fid-dawl ta' pariri xjentifiċi ġodda matul l-ewwel nofs tal-2011.
([4]) Ta' mill-inqas 98 % tal-ħatt l-art li jitqiesu mat-TAC għandu jkun ta' laċċa kaħla. Il-qabdiet inċidentali ta' dab u merlangu għandhom jitqiesu mal-5 % li jibqa' tat-TAC.";

▼B

(m) l-annotazzjoni għas-sawrell u l-qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa; VI, VIIa-c, VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

| **"Speċi:** | Sawrell u qabdiet inċidentali assoċjati *Trachurus* spp. | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa; VI, VIIa-c, VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żona Vb; fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV (JAX/2 A-14) |
|---|---|---|---|
| Danimarka | 15 781 (1) | | |
| Ġermanja | 12 314 (1) (2) | | |
| Spanja | 16 795 | | |
| Franza | 6 338 (1) (2) | | |
| Irlanda | 41 010 (1) | | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 49 406 (1) (2) | | |
| Portugall | 1 618 | | |
| Svezja | 675 (1) | | |
| Renju Unit | 14 850 (1) (2) | | |
| UE | 158 787 (3) | | |
| TAC | 158 787 | | TAC Analitiċi |

(1) Sa 5 % ta' din il-kwota li tinqabad fl-ilmijiet tal-UE ta'ż-żoni IIa jew IVa qabel it-30 ta' Ġunju 2011 tista' tingħadd bħala li nqabdet mal-kwota li tikkonċerna l-ilmijiet tal-UE taż-żoni IVb, IVc u VIId. Madankollu, l-użu ta' din il-kondizzjoni speċjali jrid jiġi nnotifikat bil-quddiem lill-Kummissjoni (JAX/*4BC7D).

(2) Jistgħu jinqabdu sa 5 % ta' din il-kwota fiż-żona VIId. Madankollu, l-użu ta' din il-kondizzjoni speċjali jrid jiġi nnotifikat bil-quddiem lill-Kummissjoni (JAX/*07D.).

(3) Ta' mill-inqas 95 % tal-ħatt l-art mgħoddi kontra t-TAC għandhom ikunu ta' sawrell. Il-qabdiet inċidentali ta' pixxi-trombetta, haddock, merlangu u kavalli għandhom jitqiesu mal-5 % li jibqa' tat-TAC.";

3. L-Anness IB huwa emendat kif ġej:

(a) l-annotazzjoni għall-merluzz u l-haddock fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona VB hija sostitwita b'dan li ġej:

| **"Speċi:** | Merluzz u haddock *Gadus morhua* u *Melanogrammus aeglefinus* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb (C/H/05B-F.) |
|---|---|---|---|
| Ġermanja | 0 | | |
| Franza | 0 | | |
| Renju Unit | 0 | | |
| UE | 0 | | |
| TAC | Mhux rilevanti" | | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax; |

▼B

(b) l-annotazzjoni għall-istokkafixx fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Stokkafixx *Micromesistius poutassou* | | **Żona:** L-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (WHB/2A4AXF) |
|---|---|---|
| Danimarka | 0 | |
| Ġermanja | 0 | |
| Franza | 0 | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 0 | |
| Renju Unit | 0 | |
| UE | 0 | |
| TAC | 40 100 (1) | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(1) Li minnhom 800 tunnellata huma allokati lin-Norveġja biex jinqabdu fin-NAFO 1 biss.";

(c) l-annotazzjoni għal-lipp u l-linarda fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Lipp u linarda *Molva molva* u *Molva dypterygia* | | **Żona:** L-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb (B/L/05B-F.) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 0 | |
| Franza | 0 | |
| Renju Unit | 0 | |
| UE | 0 | |
| TAC | Mhux rilevanti" | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.; |

▼B

(d) l-annotazzjoni għall-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

| “**Speċi:** | Gamblu tat-Tramuntana<br>*Pandalus borealis* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV<br>(PRA/514GRN) |
|---|---|---|---|
| Danimarka | 1 950 | | |
| Franza | 1 950 | | |
| UE | 7 000 ([1]) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

([1]) Li minnhom 3 100 tunnellata huma allokati lin-Norveġja.”;

(e) l-annotazzjoni għall-pollakkju (saithe) fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb hija sostitwita b'dan li ġej:

| “**Speċi:** | Pollakkju (saithe)<br>*Pollachius virens* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb<br>(POK/05B-F.) |
|---|---|---|---|
| Belġju | 0 | | |
| Ġermanja | 0 | | |
| Franza | 0 | | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 0 | | |
| Renju Unit | 0 | | |
| UE | 0 | | |
| TAC | Mhux rilevanti” | | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.; |

(f) l-annotazzjoni għall-ħalibatt fl-ilmijiet tal-Groenlandja tan-NAFO 0 u 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| “**Speċi:** | Ħalibatt tal-Groenlandja<br>*Reinhardtius hippoglossoides* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Groenlandua tan-NAFO 0 u 1<br>(GHL/N01GRN) |
|---|---|---|---|
| Ġermanja | 1 850 | | |
| UE | 2 650 ([1]) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

([1]) Li minnhom 800 tunnellata huma allokati lin-Norveġja biex jinqabdu fin-NAFO 1 biss.”;

▼B

(g) l-annotazzjoni għall-ħalibatt tal-Groenlandja fl-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

| “**Speċi:** | Ħalibatt tal-Groenlandja<br>*Reinhardtius hippoglossoides* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV<br>(GHL/514GRN) |
|---|---|---|---|
| Ġermanja | 5 867 | | |
| Renju Unit | 309 | | |
| UE | 7 000 (1) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(1) Li minnhom 824 tunnellata huma allokati lin-Norveġja.”;

(h) l-annotazzjoni għar-redfish fl-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona V; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** | Redfish (pelaġiku tal-ilma baxx)<br>*Sebastes* spp. | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żona V; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV<br>(RED/51214S) |
|---|---|---|---|
| Estonja | 0 (1) | | |
| Ġermanja | 0 (1) | | |
| Spanja | 0 (1) | | |
| Franza | 0 (1) | | |
| Irlanda | 0 (1) | | |
| Latvja | 0 (1) | | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 0 (1) | | |
| Polonja | 0 (1) | | |
| Portugall | 0 (1) | | |
| Renju Unit | 0 (1) | | |
| UE | 0 (1) | | |
| TAC | 0 (1) | | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(1) Ma jistgħux jinqabdu mill-1 ta' Jannar sad-9 ta' Mejju 2011.

▼B

| **“Speċi:** | Redfish (pelaġiku tal-ilma fond)<br>*Sebastes* spp. | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żona V; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV (RED/51214D) |
|---|---|---|---|
| Estonja | 177 (1) (2) | | |
| Ġermanja | 3 569 (1) (2) | | |
| Spanja | 633 (1) (2) | | |
| Franza | 336 (1) (2) | | |
| Irlanda | 1 (1) (2) | | |
| Latvja | 64 (1) (2) | | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 2 (1) (2) | | |
| Polonja | 324 (1) (2) | | |
| Portugall | 757 (1) (2) | | |
| Renju Unit | 8 (1) (2) | | |
| UE | 5 871 (1) (2) | | |
| TAC | 38 000 (1) (2) | | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(1) Jistgħu jinqabdu biss fiż-żona kkonfinata mil-linji li jagħqdu l-koordinati li ġejjin:

| Punt Nru | Latitudni N | Lonġitudni W |
|---|---|---|
| 1 | 64° 45’ | 28° 30’ |
| 2 | 62° 50’ | 25° 45’ |
| 3 | 61° 55’ | 26° 45’ |
| 4 | 61° 00’ | 26° 30’ |
| 5 | 59° 00’ | 30° 00’ |
| 6 | 59° 00’ | 34° 00’ |
| 7 | 61° 30’ | 34° 00’ |
| 8 | 62° 50’ | 36° 00’ |
| 9 | 64° 45’ | 28° 30” |

(2) Ma jistgħux jinqabdu mill-1 ta’ Jannar sad-9 ta’ Mejju 2011.”;

▼B

(i) l-annotazzjoni għar-redfish fl-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Redfish (pelaġiku) *Sebastes* spp. | | **Żona:** L-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV (RED/514GRN) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 5 164 (1) (2) | |
| Franza | 26 (1) (2) | |
| Renju Unit | 37 (1) (2) | |
| UE | 5 227 (1) (2) | |
| TAC | Mhux rilevanti | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(1) Is-sajd jista' jsir biss bix-xibka tat-tkarkir pelaġika. Dan il-ħut jista' jinqabad fil-Lvant jew fil-Punent.

(2) Il-kwota tista' tinqabad miż-Żona Regolatorja tan-NEAFC dment li l-kondizzjonijiet ta' rappurtar stabbiliti mill-Groenlandja jiġu sodisfatti (RED/*51214). Meta jinqabad miż-Żona Regolatorja tan-NEAFC, ir-redfish jista' jittieħed biss mill-10 ta' Mejju 2011 bħala redfish pelaġiku tal-ilma fond, u biss fiż-żona kkonfinata mil-linji li jagħqdu l-koordinati li ġejjin (RED/*5-14).

| Punt Nru | Latitudni N | Lonġitudni W |
|---|---|---|
| 1 | 64° 45' | 28° 30' |
| 2 | 62° 50' | 25° 45' |
| 3 | 61° 55' | 26° 45' |
| 4 | 61° 00' | 26° 30' |
| 5 | 59° 00' | 30° 00' |
| 6 | 59° 00' | 34° 00' |
| 7 | 61° 30' | 34° 00' |
| 8 | 62° 50' | 36° 00' |
| 9 | 64° 45' | 28° 30' "; |

(j) l-annotazzjoni għal speċijiet oħrajn fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Speċijiet oħrajn (1) | | **Żona:** L-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb (OTH/05B-F.) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 0 | |
| Franza | 0 | |
| Renju Unit | 0 | |
| UE | 0 | |
| TAC | Mhux rilevanti | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

(1) Esklużi speċijiet ta'ħut bla ebda valur kummerċjali.";

▼B

(k) l-annotazzjoni għall-ħut ċatt fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Ħut ċatt | | **Żona:** L-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb (FLX/05B-F.) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 0 | |
| Franza | 0 | |
| Renju Unit | 0 | |
| UE | 0 | |
| TAC | Mhux rilevanti" | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.; |

4. fl-Anness IC, l-annotazzjoni għall-gamblu tat-Tramuntana fiż-żona NAFO 3L hija sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Gamblu tat-Tramuntana *Pandalus borealis* | | **Żona:** Iż-żona NAFO 3L ([1]) (PRA/N3L.) |
|---|---|---|
| Estonja | 214 | |
| Latvja | 214 | |
| Litwanja | 214 | |
| Polonja | 214 | |
| Stati Membri Oħrajn | 213 ([2]) | |
| UE | 1 069 | |
| TAC | 19 200 | TAC Analitiċi<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. |

([1]) Mhux inkluża l-kaxxa kkonfinita mill-koordinati li ġejjin:

| Punt Nru | Latitudni N | Lonġitudni W |
|---|---|---|
| 1 | 47° 20' 0 | 46° 40' 0 |
| 2 | 47° 20' 0 | 46° 30' 0 |
| 3 | 46° 00' 0 | 46° 30' 0 |
| 4 | 46° 00' 0 | 46° 40' 0 |

([2]) Ħlief l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja.";

▼B

5. Fl-Anness ID, l-annotazzjoni għat-tonn fl-Oċeanu Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran (BFT/AE045 W) hija sostitwita b'dan li ġej:

| **"Speċi:** | Tonn<br>*Thunnus thynnus* | **Żona:** | L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran<br>(BFT/AE045 W) |
|---|---|---|---|

| | |
|---|---|
| Ċipru | 66,98 (4) |
| Greċja | 124,37 |
| Spanja | 2 411,01 (2) (4) |
| Franza | 958,42 (2) (3) (4) |
| Italja | 1 787,91 (4) (5) |
| Malta | 153,99 (4) |
| Portugall | 226,84 |
| Stati Membri Oħrajn | 26,90 (1) |
| UE | 5 756,41 (2) (3) (4) (5) |
| TAC | 12 900 |

---

(1) Bl-eċċezzjoni ta' Ċipru, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Malta u l-Portugall, u bħala qbid inċidentali biss.

(2) F'dawn it-TAC, il-limiti ta' qabdiet u l-allokazzjoni li ġejjin bejn l-Istati Membri għandhom japplikaw għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm mill-bastimenti msemmijin fil-punt 1 tal-Anness IV (BFT/*8301):

| | |
|---|---|
| Spanja | 350,51 |
| Franza | 158,14 |
| UE | 508,65 |

(3) F'dawn it-TAC, il-limiti ta' qabdiet u l-allokazzjoni li ġejjin bejn l-Istati Membri għandhom japplikaw għall-qabdiet tat-tonn li jiżnu mhux inqas minn 6,4 kg jew b'kejl ta' mhux inqas minn 70 cm mill-bastimenti

| | |
|---|---|
| Franza | 45 (*) |
| UE | 45 |

(*) Din il-kwantità tista' tiġi riveduta mill-Kummissjoni fuq talba minn Franza, sa ammont ta' 100 tunnellata kif indikat bir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 08-05.

(4) F'dawn it-TAC, il-limiti ta' qbid u l-allokazzjoni li ġejjin bejn l-Istati Membri għandhom japplikaw għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn 8 kg u 30 kg mill-bastimenti msemmijin fil-punt 2 tal-Anness IV (BFT/*8302):

| | |
|---|---|
| Spanja | 48,22 |
| Franza | 47,57 |
| Italja | 37,55 |
| Ċipru | 1,34 |
| Malta | 3,08 |
| UE | 137,77 |

(5) F'dawn it-TAC, il-limiti ta' qabdiet u l-allokazzjoni li ġejjin bejn l-Istati Membri għandhom japplikaw għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn 8 kg u 30 kg mill-bastimenti msemmijin fil-punt 3 tal-Anness IV (BFT/*643):

| | |
|---|---|
| Italja | 37,55 |
| UE | 37,55"; |

▼B

6. L-Anness IH huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS IH*

**Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC**

| **Speċi:** | Pixxispad<br>*Xiphias gladius* | **Żona:** | Iż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC fin-Nofsinhar ta' 20° S<br>(SWO/F7120S) |
|---|---|---|---|
| UE | 3 170,36 | | |
| TAC | Mhux rilevanti" | | TAC Analitiċi; |

7. L-Anness IJ huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS IJ*

**Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO**

| **Speċi:** | Sawrell (jack mackerel)<br>*Trachurus murphyi* | **Żona:** | Iż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO<br>(CJM/SPRFMO) |
|---|---|---|---|
| Ġermanja | 10 223,67 | | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 11 080,80 | | |
| Litwanja | 7 112,63 | | |
| Polonja | 12 231,90 | | |
| UE | 40 649"; | | |

8. L-Anness IIB huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 5.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5.2. Bl-iskop li jiġi stabbilit l-għadd massimu ta'jiem fuq il-baħar li matulhom bastiment tal-UE jista' jkun awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona, il-kondizzjonijiet speċjali li ġejjin għandhom japplikaw f'konformità mat-Tabella I:

(a) il-ħatt l-art totali ta' marlozz fis-sena 2008 jew 2009 imwettaq mill-bastiment għandu jirrappreżenta inqas minn 5 tunnellati jew inqas minn 3 % tat-total tal-ħatt l-art f'piż ħaj; u

(b) il-ħatt l-art totali ta' ksampu fis-sena 2008 jew 2009 mwettaq mill-bastiment għandu jirrappreżenta inqas minn 2.5 tunnellati skont il-ħatt l-art f'piż ħaj.";

(b) il-punt 9.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9.1. Jekk bastiment ikun irċieva għadd bla limitu ta' jiem b'riżultat tal-konformità mal-kondizzjonijiet speċjali, l-iżbark tal-bastiment fil-perijodu ta' ġestjoni tal-2011 m'għandux jaqbeż 5 tunnellati jew 3 % tal-ħatt totali f'piż ħaj ta' marlozz u 2,5 tunnellata ta' piż ħaj ta' ksampu.";

▼B

9. L-Anness IIC huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Rkaptu tas-sajd

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw ir-raggruppamenti li ġejjin ta' rkapti tas-sajd:

(a) xbieki tat-tkarkir bit-travu bid-daqs tal-malja ta' 80 mm jew akbar;

(b) xbieki statiċi inklużi għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil bid-daqs tal-malja ta' 220 mm jew inqas.";

(b) It-Tabella I hija sostitwita b'dan li ġej:

*"Tabella I*

| Rkaptu tal-punt 2 | Denominazzjoni Ir-raggruppamenti tal-irkaptu kif iddefiniti fil-punt 2 biss huma użati. | Kanal tal-Punent |
|---|---|---|
| 2(a) | Xbieki tat-tkarkir bit-travu bid-daqs tal-malja ≥ 80 mm | 164 |
| 2(b) | Xbieki statiċi bid-daqs tal-malja ≤ 220 mm | 164"; |

10. L-Anness VII huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS VII*

**ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC**

Għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati sabiex jistadu għall-pixxispad fiż-żoni fin-Nofsinhar ta' 20 ° S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

| | |
|---|---|
| Spanja | 14 |
| UE | 14". |

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Il-punti 1 sa 7 u l-punt 10 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011.

Il-punti 8 u 9 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.